

Brussell, 7 ta' Novembru 2022
(OR. en)

13475/22

LIMITE

CORLX 911
CFSP/PESC 1318
CSDP/PSDC 632
PESCO 6
FIN 1061

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tivvaluta l-progress li sar mill-Istati Membri parteċipanti biex jissodisfaw impenji meħuda fil-qafas tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti

1. Fil-11 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315¹ li tistabbilixxi kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti.
2. L-Artikolu 6(3) tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 jipprevedi li abbażi tar-rapport annwali dwar il-PESCO ppreżentat mir-Rappreżentant Ġholi, il-Kunsill għandu jirrieżamina darba fis-sena jekk l-Istati Membri parteċipanti għadhomx jissodisfaw l-impenji aktar vinkolanti msemmija fl-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni.
3. Fil-15 ta' Lulju 2022, ir-Rappreżentant Ġholi pprovda lill-Kunsill ir-rapport annwali tiegħu dwar l-istat tal-implimentazzjoni tal-PESCO, inkluż dwar it-twettiq, minn kull Stat Membru parteċipanti, tal-impenji tiegħu, f'konformità mal-pjan ta' implimentazzjoni nazzjonali aġġornat u rivedut tiegħu.

¹ ĠU L 331, 14.12.2017, p. 57–77

4. Fil-11 ta' Ottubru 2022, ir-Rappreżentant Għoli ppreżenta lill-Kunsill proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tivvaluta l-progress li sar mill-Istati Membri parteċipanti biex jissodisfaw impenji meħuda fil-qafas tal-PESCO (dok. 13472/22).
5. Fis-26 ta' Ottubru 2022, il-Grupp Politiku/Militari (PMG) qabel dwar it-test tal-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, u baġtu lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS).
6. Fis-27 ta' Ottubru 2022, il-KPS qabel dwar it-test tal-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill u stieden lill-Grupp ta' Ħidma ta' Kunsillieri għar-Relazzjonijiet Barranin (RELEX) biex jaħdem u jmexxi 'l quddiem l-finalizzazzjoni tal-att legali.
7. Fis-7 ta' Novembru 2022, ir-RELEX iffinalizza t-test tal-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill.
8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:
 - jikkonferma l-qbil dwar it-test tal-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill;
 - jirrakkomanda lill-Kunsill biex jadotta r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tivvaluta l-progress li sar mill-Istati Membri parteċipanti biex jissodisfaw impenji meħuda fil-qafas tal-kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) kif tinsab, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 13474/22;
 - jiddeċiedi li jippubblika r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill fil-Ġurnal Uffiċjali.